11 ta' Mejju, 1956

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., L.L.D.
**Chev Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Edoardo Galea ne. et. *versus* Avukat Dr. Edoardo Vassallo ne. et.

**Legat — Likwidazzjoni — Liberazzjoni "ab observantia" — Kjamata fil-Kawża — Assunzjoni tal-Atti — Art. 809 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*F'ġudizzju ta' likwidazzjoni ta' legat għandhom ikunu preżenti dawk kollha li għandhom interess f'dak il-legat; u fl-assenza ta' xi waħda mill-persuni nteressati f'dak il-legat il-ġudizzju mhux integru, u jkun hemm lok għall-liberazzjoni tal-konvenuti "ab observantia".*

*Għal dan id-difett mhux leċitu li jiġi rimedjat bil-kjamata fil-kawża ta' dawk l-interessati li mhumiex fil-kawża, u li bihom l-attur kien jaf minn qabel ma istitwixxa l-ġudizzju.*

*Għax dawk l-interessati messhom ġew imħarrkin mill-bidu; u l-ġurisprudenza hija favorevoli għall-kjamata fil-kawża ta' persuna meta l-interess tagħha li tkun fil-kawża jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u mhux meta dak l-interess ikun jeżisti minn qabel il-kawża; billi f'dan il-każ il-kjamata fil-kawża ma tistgħax tiġi ammessa, jekk il-parti kuntrarja topponi ruħha; għax il-persuna li għandha dak l-interess messha ġiet imdaħħla fil-kawża mill-bidu.*

*Jekk mbagħad xi persuni interessati ma kienux magħrufa individwalment, l-attur seta', ukoll mill-bidu, jitlob in-nomina ta' kuraturi in rappreżentanza ta' kull min għandu jew seta' jkollu nteress fil-likwidazzjoni tal-legat.*

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li timponi l-proċedura tar-rikors biex issir l-assunzjoni tal-atti tirriferixxi għall-każ meta waħda mill-partijiet tmut waqt il-kawża.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-atturi, wara li ppremettew illi, in forza ta' testment sigriet apert u publikat minn Nutar Dr. Carmelo Farrugia fl-20 ta' Novembru 1926 (dok. B), il-fuq imsemmi Edoardo Montebello

Pulis, *fost* dispożizzjonijiet oħra, ordna li wara mewtu l-eżekutur testamentarju tiegħu kellu jiddepożita f'bank lokali "ad interesse" u in kont korrenti, nofs il-profitti derivanti mill-kwota tiegħu ta' proprjetà fiż-żewġ kumpanniji ta' la-neċ denominati "National S.F.B.C." u "Grand Harbour F. Coy.", u mill-fond hekk kreat jiġi prevelat kemm okkorrenti għall-manteniment ta' martu Enrichetta, rikoverata fl-Asilo de' Lunatici (art. secondo); u fid-dispożizzjoni kwarta ordna li, wara l-mewt tal-istess Enrichetta, is-somma li tibqa' mid-depożitu fuq imsemmi, wara li jitħallsu l-funerali tagħha, għandha tiġi diviża f'żewġ kwoti ugwali, billi waħda għand-ha *tippervjeni* lil Laura mart Casimiro Galea, bintu, jekk tkun ħajja, u f'każ ta' mewt tagħha in-nofs flimkien man-nofs l-ieħor ta' l-interessi għandu jippervjeni lill-ulied u lid-dixxendenti ta' Francesco, Odorico, Amelia u Caterina, ħutu mejtin aħwa Pulis, "in stirpes et non in capita"; fid-dispożizzjoni ottava, b'titolu ta' legat, ħalla lill-istess Laura mart Casimiro Galea, bintu, u lill-ulied u dixxendenti ta' Francesco, Odorico, Amelia u Caterina, ħutu mejtin, aħwa Pulis, it-titoli kollha in fondi publiċi u l-flus kontanti li fiż-żmien ta' mewtu jinsabu fil-patrimonju tiegħu; billi għand-hom jiġu konsegwiti nofs minn Laura Galea u n-nofs l-ieħor minn ulied u dixxendenti ta' ħutu fratelli u sorelle mejtin, fuq imsemmijin, "in stirpes et non in capita", wara li jiġu soddisfatti l-legati li huwa kompla jordna l-quddiem; u billi, wara l-mewt tat-testatur, bejn il-kontendenti qamu xi diverġenzi fuq l-estensjoni tal-legati *soprariferiti*, ordnati a favur l-ulied u dixxendenti tal-erbgħa ħutu ġermani Pulis, u bi skrittura ta' l-4 ta' Ġunju 1947 il-kontendenti nnominaw arbitru fil-persuna tal-Professur Dr. Vittorio Caruana, li b'lodo pronunċjat fl-14 ta' Lulju 1947 (dok. C), u preżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-18 ta' l-istess xahar, iddeċieda fuq iż-żewġ kwistjonijiet proposti fis-sens infraskritt: —

*Omissis;*

U billi l-imsemmija Enrichetta Pulis, armla tat-testatur, mietet fl-20 ta' Mejju 1942 (dok. D);

Talbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, tiġi ordnata l-likwi-

dazzjoni, okkorrendo permezz ta' periti, ta' kemm huwa dovut lill-legatarji fuq imsemmijin in forza tad-dispożizzjonijiet dettati minn Edoardo Montebello Pulis fit-testament sigriet tiegħu apert u pubblikat minn Nutar Dr. Carmelo Farrugia fl-20 ta' Novembru 1926 għall-finijiet kollha talliġi; u illi l-atturi jistgħu l-quddiem jitolbu l-pagament talkwota li tmisshom, in forza ta' l-istess legati, mill-ammonti u oġġetti ta' valur li hekk jiġu likwidati u firmati; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-28 ta' Ġunju 1955, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-konvenuti, billi ġie dikjarat li l-ġudizzju mhux integru, u l-konvenuti ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-atturi; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenuti qegħdin jitolbu l-liberazzjoni tagħhom mill-osservanza tal-ġudizzju, billi jallegaw illi l-atturi ma ħarrkux lill-interessati kollha fil-legat li tiegħu qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni, u għalhekk il-ġudizzju mhux integru. B'ripulsa tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, l-atturi jissottomettu illi għall-likwidazzjoni tal-legat mhijiex neċessarja l-preżenza tal-legatarji kollha; anki għaliex jista' jagħti l-każ li xi ħadd minnhom ma jkollux interess f'dik il-likwidazzjoni, u hekk il-preżenza tiegħu fil-kawża tkun inutili; illi huma ma jafux jew ma kienux jafu mill-bidu min huma l-legatarji l-oħra; u illi l-legatarji l-oħra jistgħu talvolta jiġu msejħin fil-kawża;

Illi ma hemmx dubju illi f'ġudizzju ta' likwidazzjoni ta' legat, bħal ta' kull ħaġa oħra, għandu jipparteċipa kull min għandu nteress fl-eżitu ta' dak il-ġudizzju. Tabilħaqq, l-interess li jilleġittima l-preżenza ta' persuna fil-kawża għandu jkun fl-eżitu tal-ġudizzju; intiż dan l-interess mhux neċessarjament fis-sens li dik il-persuna tiġi kundannata jew liberata, imma anki fis-sens li l-istess persuna tkun tista' ssostni r-raġunijiet ta' l-attur jew tal-konvenut, jew tagħha stess differenti mit-tnejn, jew għall-wieħed jew għall-ieħor, u tipprovoka deċiżjoni, fil-limiti ta' l-azzjoni, li tistabbilixxi

ċerti fatti u ċerti drittijiet favorevoli jew kuntrarji għaliha, bla ma tkun liberata jew kundannata (Vol. XXXIV-III-889). Għalhekk, apparti ċirkustanzi oħra, hu evidenti illi fis-sens ġa msemmi, almenu, hi neċessarja f'din il-kawża l-preżenza tal-legatarji l-oħra, jekk hemm, minbarra l-konvenuti;

Illi ġie stabbilit mix-xhieda tal-konvenut Avukat Dr. Vassallo illi, minbarra l-konvenuti, hemm legatarji oħra jew aħjar persuni oħra interessati fil-likwidazzjoni tal-legat fil-kwistjoni. Mid-dokument fil-fol. 80 tal-proċess jirriżulta b'mod l-aktar ċar illi l-attur Tommaso Debono, almenu, sa minn Marzu 1945, jiġifieri wisq qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, kien jaf b'dawn il-persuni, jew almenu x'uħud minnhom, u dawn għalhekk kien messhom ġew ċitati. Jekk mbgħad xi persuni oħra l-atturi ma kienux jafuhom individwalment, huma setgħu, ukoll mill-bidu, jirrikorru għan-nomina ta' kuraturi in rappreżentanza ta' kull min għandu jew seta' jkollu nteress fl-imsemmija likwidazzjoni;

Illi ladarba l-atturi kienu jafu minn huma dawk il-persuni, almenu xi uħud minnhom, mill-bidu, huma kien imisshom jiċċitawhom ukoll mill-bidu; u ladarba huma setgħu, ukoll mill-bidu, jiċċitaw kuratur in rappreżentanza ta' dawk il-legatarji li huma talvolta ma kienux jafuhom individwalment, l-atturi ma jistgħux issa jitolbu l-kjamata tagħhom fil-kawża; għaliex, skond l-opinjoni prevalenti fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, il-kjamata fil-kawża ma tistax issir meta l-attur ikun jaf mill-bidu illi t-terza persuna hi nteressata (Vol. XXX-I-1). Hu veru illi ġie deċiż li, skond id-dispożizzjoni tal-art. 960 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, "può la chiamata in causa essere fatta in ogni e ciascun stadio del giudizio, in prima istanza, e la legge non commina la nullità degli atti del processo per mancanza di citazione di un terzo interessato" (Vol. XXVIII-III-1274); u dan ma jistax jiġi negat. Imma għandu jiġi osservat illi dik id-dispożizzjoni tibda bil-kliem "Tista' wkoll terza persuna......"; liema kliem juru illi l-kjamata fil-kawża ma ssirx dejjem, imma biss meta tkun ammissibbli,

jiġifieri meta l-persuna li tkun trid tiġi kjamata ma tkunx magħrufa mill-bidu, u meta l-kontroparti ma topponix għaliha; għaliex meta jkun hemm oppożizzjoni leġittima mill-kontroparti, it-talba għall-kjamata fil-kawża ma tistax tiġi milqugħa (Vol. XXXIV-III-889). Mbgħad, hu meħtieġ dejjem illi l-imsejjaħ fil-kawża jkun "terzo", jiġifieri barrani għall-kontendenti f'kawża ġa pendenti bejniethom; u ma jistax jingħad li l-legatarji l-oħra huma "terzi", jew barranin fir-rapporti bejn il-kontendenti;

Illi, stabbilit illi minbarra l-konvenuti hemm interessati f'din il-kawża, bħala legatarji, persuni oħra, li l-preżenza tagħhom hi indispensabbli fiha, dan il-ġudizzju mhux integru. Dan id-difett ma jistax jiġi sanat bil-kjamata fil-kawża ta' dawn il-legatarji l-oħra, billi dawn kienu magħrufa mill-bidu nett mill-atturi, u l-konvenuti jopponu ruħhom għal din il-kjamata;

Rat fil-fol. 100 in-nota ta' l-appell tal-atturi Edoardo Galea nomine u Tommaso Debono;

Rat fil-fol. 103 il-petizzjoni tal-attur Tommaso Debono, li talab li s-sentenza fuq imsemmija, mogħtija mill- Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tagħha r-Reġina fit-28 ta' Ġunju 1955, tiġi rekovata, billi tiġi, fl-interess tiegħu, milqugħa t-talba kif oriġinarjament proposta għall-likwidazzjoni tal-legat in atti; bl-ispejjeż ta' din u tal-ewwel istanza;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, it-talba hemm kontenuta hija ntiża għall-likwidazzjoni tal-legat hemm imsemmi, biex b'hekk jiġi stabbilit "kemm huwa dovut lill-legatarji fuq imsemmijin in forza tad-dispożizzjonijiet dettati minn Edoardo Montebello Pulis fit-testament sigriet tiegħu apert u publikat minn Nutar Dr. Carmelo Farrugia fl-20 ta' Novembru 1926, għall-finijiet kollha tal-liġi, u illi l-atturi jistgħu l-quddiem jitolbu l-pagament tal-kwota li tmisshom in forza tal-istess legati, mill-ammonti u oġġetti ta' valur li hekk jiġu likwidati u firmati". Dan il-ġudizzju, kif sewwa rritenief l-Ewwel Qorti, huwa ġudizzju ta' likwidazzjoni ta' legat; u f'ġudizzju simili ta' likwidazzjoni għandhom jieħdu

sehem l-interessati kollha. Irriżulta mill-provi li barra millkonvenuti hemm oħrajn li għandhom interess fil-legat fuq imsemmi u fil-likwidazzjoni tiegħu, u *b'dan kien edott l-*appellant Tommaso Debono żmien qabel ma ġiet promossa din il-kawża, kif jidher mill-ittra tiegħu eżibita fil-fol. 80 tal-proċess;

**Ikkunsidrat;**

Illi fl-assenza tal-interessati kollha ġudizzju bħal dan, ta' likwidazzjoni ta' legat, mhux integru; u għal dan id-difett mhux leċitu li jiġi ovvjat bil-kjamata fil-kawża ta' dawk l-interessati *li mhumiex fil-kawża u li bihom l-appellant* Debono kien jaf minn żmien qabel ma istitwixxa l-preżenti ġudizzju. Huma, għalhekk, messhom ġew ċitati millbidu. Kif ġie reċentement affermat minn din il-Qorti (2 ta' Marzu, 1956, in re "Camilleri vs. Farrugia"), il-ġurisprudenza prevalenti hija favorevoli għall-kjamata in kawża ta' persuna, meta l-interess tagħha li tkun preżenti jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u mhux meta dak l-interess ikun jeżisti minn qabel il-kawża; billi f'dan il-każ il-kja*mata in kawża tagħha ma tistgħax tiġi ammessa,* għaliex messha ġiet imdaħħla fil-kawża mill-bidu;

**Ikkunsidrat;**

Illi ġie sottomess fil-petizzjoni li l-legatarji l-oħra ma għandhomx interess fil-preżenti likwidazzjoni, għaliex huma ġew soddisfatti. Biex isostni din l-allegazzjoni, l-appellant għamel riferenza għal kuntratt riċevut minn Nutar Victor Bisazza fil-21 ta' Settembru 1942, eżibit fil-fol. 27 *tal-proċess l-ieħor fl-ismijiet* "Dr. Vassallo ne. vs. Edoardo Galea et.", li baqa' deżert quddiem din il-Qorti fit-18 ta' Lulju 1953. Iżda dan id-dokument ma jissuffraga bl-ebda mod l-imsemmija pretensjoni tal-appellant, billi mhux ħaġ' oħra ħlief skrittura privata, li ġġib id-data tat-22 ta' Settembru 1941, u li biha Laura armla ta' Casimiro Galea innominat bħala mandatarju ġenerali u amministratur talbeni tagħha, bil-fakoltajiet hemm indikati, lill-Avukat Dr. Edoardo Vassallo;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-appellant fil-petizzjoni ssottometta wkoll li l-assunzjoni tal-atti da parti tal-konvenuti Jolanda, Etienne u Gaston, aħwa Galea, u Dr. Edoardo Vassallo nomine, messha saret b'rikors, kif jimponi l-art. 809 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Anki dina s-sottomissjoni tal-appellant mhix ammissibbli; għaliex dik id-dispożizzjoni tal-liġi tirriferixxi għal-każ ta' meta waħda mill-partijiet tmut matul il-kawża; u fil-każ preżenti dik l-okkorrenza ma avveratċ ruħha;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant Tommaso Debono.